# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

Vs

ANTHONY SCICLUNA

Seduta: VAT

Illum: 12 ta` April 2023

Il-Qorti

Rat li Anthony Scicluna id 309262 (M) imwieled 7/5/1962 gewwa Malta residenti5 Il-Girna Triq il-Ferovija Attard indirizz tan-negozju Howard Garden Kiosk Misrah Saqqaja Rabat Malta akkuzat bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond Att XXIII tal-1998 u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fl-29 ta' April 2022 gewwa Howard Garden Kiosk Misrah Saqqaja Rabat Malta irrizulta li jew int jew impjegati tieghek jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghek offrejt li tipprovdi servizz u/jew prodotti lill-persuna ohra u/jew

**esponejt ghall-bejgh oggetti waqt li kont sprovvist minn cash register fiskali u/jew kotba tar-ricevuti fiskali manwali kif  mahruga jew approvat mill-Kummissarju tat-Taxxi u dan bi ksur tal- parti 1,2,3 u 10 tat-tlettax-il Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa Fuq il- Valur Mizjud ( Att Nru XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) , 81 u 82 tal-istess Att**

Rat ix-xhieda kollha

Rat d-dokumenti kollha u l-atti kollha

Semghet it-trattazzjoni

**Ikkunsidrat**

**Dr Vincienne Vella fit-12 ta' April 2023** ezebiet Dok A

**Claude Bonnici, fit-12 ta April 2023 xehed hekk:**

Qorti: Mela inti tahdem ma xi hadd please u bhala xiex?

Xhud: Jiena nahdem Vat Inspector fil-Vat Department.

Avu: Mela sur Bonnici tista tghidilna x`gara u kif mort ghall-Inspection please?

Xhud: Jiena u l-kollega tieghi morna fid-29 ta` April 2022 konnha qeghdin xoghol ir-Rabat u morna fejn

il-Kiosk ta Howard Garden Kiosk li hemm fuq is-Saqqajja, rajna zewg sales minn dal-Kiosk illi l-ircevuta ma gietx moghtija tkellimna mal persuna li qisgha hadet il-flus li qalilna li huwa Fabian Scicluna ID card 543291m, u qalilna li il-fiscal cash register mhux qed jahdem u ghednilu x`ghandu kotba tal-ircevuta qalilna li m`ghandux, ahna ghednilu biex jirranga il-cash register malajr u jordna il-kotba mid-dipartiment.

Avu: Kien hemm customers hemmekk jaghtu servizz?

Xhud: Le kien hemm rajna tnejn li xtraw xi haga.

Avu: U l-cash register ma kienetx qed tahdem hux hekk?

Xhud: Le qalilna.

Qorti: U min kien il-persuna?

Qorti: Fabian Scicluna qalilna li mhux qed tahdem il-magna u saqsejnieh ghall-kotba qalilna li m`ghandhomx kotba tal-ircevuti.

Avu: Dak kollox.

Avu2: Ara naqblux dawn is-sinjuri kienu hemm ghalli jista jkun?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu2: U lanqas jekk tara il-Fabian ma tarfux lanqas?

Xhud: Le ma niftakrux.

Avu2: Issa l-ismijiet ta` dawn is-sinjuri minn fejn gibthom?

Xhud: Insaqsu lilhom stess,

Qorti: Le tas-sinjuri prezenti qed jghidlek?

Xhud: Ma niftakarx.

Avu2: Ara nghidlekx illi kellhom zewg cash registers u tnejn li huma kienu mhux funzjonanti naqblu?

Xhud: Iva, ma qalilnix ghandna tnejn, wiehed.

Avu2: Inti mort wara l-bank tara tivverifika il-cash register taghhom?

Xhud: Ahna morna uu

Avu: Qed nghidlek jekk mortx wara l-bank fejn ikollhom il-cash register u jkollhom il-cash hemmekk dhalt inti?

Xhud: Iva dhalna wara l-bank.

Avu: Ara jekk kienx hemm zewg cash registers u mhux wiehed?

Xhud: Ok imma li qalilna hu qalilna li mhux jahdmu.

Avu: Imma jien qed nghidlek kien hemm tnejn mhux jahdmu mhux wiehed sewwa, u l-fiscal receipt book ma rajtux fil-genb kien?

Xhud: M`hemmx bzonn narah jien saqsejtuh ghalihom l-affarijiet u qalli li ma jahdmux.

Avu: Din qed tiftakarha igifieri inti?

Xhud: Qalli hu ktibtha dak il-hin.

Avu: Lil dawn is-sinjuri kellimthom wara inti?

Xhud: Wara ghalxiex?

Avu: Dak il-hin jista jkun illi cemplu lil imaghllem u gie l-imaghllem wiehed minn dawn is-sinjuri ma tiftakariex din lanqas inti?

Xhud: Le.

Avu: U s-servizz li skond inti fiex kien jikkonsisti jekk joggbok?

Xhud: Ma niftakarx imma rajna xtraw xi ogetti minn gol-Kiosk.

Avu: Imma jekk ma tiftakarx.

Qorti: Dottore mhux ha tiftakar and it`s not necessary.

Avu: Daqsekk sinjura.

**Anthony Scicluna,** fit-12 ta' April 2023 xehed hekk:

Avu: X`gahndek x`taqsam ma Howard Garden Kiosk sur Scicluna?

Xhud: Owner it-tnejn li ahna.

Avu: It-tnejn li ahna l-iehor min hu?

Xhud: Bradley Deguara ma kienx qieghed hemm.

Avu: Dak in-nhar min kien hemm hemmekk sur Scicluna?

Xhud: Etienne Scicluna u Fabian Scicluna.

Avu: Igifieri la inti ma kont hemm u aqqas us-sur Bradley?

Xhud: Iwa imma mbaghad gejt jien u fehmthom.

Avu; Issa meta gejt kienu gahdhomhemm is-sinjuri tal-Vat?

Xhud: Iva.

Avu: Is-sinjura Magistrat,

Xhud: U fil-hanut ma kien hemm hadd hadd hadd.

Qorti: Meta mort int ma tafx sinjur x`kien hemm qabel?

Xhud: Orajt, imma aqqas it-tfal gifieri.

Qorti: Issa dik storja ohra.

Avu: Issa xi spjegajtlu lil dan is-sinjur tal-Vat?

Xhud: Din kemm ilu b`din tal-Covid kienu konnha maghluqin ahna sewwa ghamilna kwazi sena u l-cash registers qatt ma xeghlnihom ghax konnha maghluqin x`hin ftahna il-batteries taghhom gew, jiena ghalekk gahndi zewg cash registers biex jekk jinqalali hsara f`wahda inqabbad l-ohra.

Qorti: Imma ma kienux qed jinnfunzjonaw?

Xhud: Le le.

Qorti: Allura x`gara, mela s`hemm wasalna x`ghamiltu allura?

Xhud: Ghandi il-kitba.

Avu: Xi ircevuti qed isqasik il-Qorti meta jigi xi hadd jixtri xi haga x`ircevejt lamkellek il-cash registers?

Xhud: Imma ktieb kelli kelli l-ircevuti hawn.

Avu: Issa x`dokumenti ghandek x`turina?

Xhud: Ghandi ircevuti dan isewwi il-cash register li gahndi ircevuti igifieri li vera.

Qorti: Inti qed tghid li dak in-nhar kien hemm il-ktieb tar-receipts hemmekk?

Xhud: Qeghdin hawn iva.

Qorti: Qeghdin hawn illum ghall dakin-nhar jinteressani jien, dak in-nhar inti qed tghid li kien hemm l-kotba tal-Vat?

Xhud: Bid-dati iva.

Avu: Ghandek l-ircevuti biex tezebihom?

Xhud: Iva.

Avu: Kemm ircevuta ghandek?

Xhud: Hafna ghax hi mhux darba waqfet u kont nqabbad l-ohra.

Avu: Issa tad-29 ta` April 2022.

Qorti: Jien 29 ta` April jinteressani dawk ghandi bzonn.

Avu: Igifieri inti bil-gurament tieghek fiscal receipt rajtu hemmekk inti?

Qorti: Igifeiri inti kellek fiscal receipt book wiehed hemmekk jew hafna?

Xhud: Le ktieb wiehed.

Qorti: Igifieri inti qed tghidli li l-Kiosk fit-29th kellkom 1,2,3,4 bejgh biss?

Xhud: Le hemm iktar minn 4 suppost, sorry mela jien hadt il-cash register dak in-nhar stess meta gew tal-Vat u ma kienetx qed tahdimli u ergajt tellajtha mieghi u hdimna bih.

Avu: L-utiljita` taghom dawk hija illi ir-rikorrenza tal-hsara fil-cash register.

Xhud Jien inzilt u tellejatha ghax kell ma kellha hsara Battery full it-tnejn li huma il-cash register tieqaf.

Avu: Issa hemm certifikat hemm teknika report ezebit sur Magistrat.

Xhud: Inzilt u telajt wahda u komplejt nippancja fuqha.

Avu: Daqsekk mix-xhud.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu2: Mela int qed tghid li hrigt dawk l-annual?

Xhud: Mhux jien it-tfal.

Avu2: It-tfal min huma?

Xhud: Qeghdin hawn Etienne Scicluna u Fabian Scicluna.

Avu2: Issa huma ma urewhomx lil Inspectors taghna jigifieri dawk stajt hrigthom wara,

Xhud: Ma kien hemm hadd le kelli l-ktieb u ghandi ritratt.

Avu2: Fl-ispezzjoni ma ntwerew ebda fiscal receipt book?

Xhud: Kienu fil-hanut it-tnejn kienu qeghdin hemm.

Qorti: Le le le hu ma jafx x`kien hemmjew ma kienx hemm fil-hanut.

Xhud: Jien gejt wara.

Avu2: Daqsekk minn naha tieghi.

**Ikkunsidrat**

Illi kamp krimininali hemm bzonn li titressaq l-ahjar prova u kwalsijasi livell ta' provi trid tkun "bejond reasonable doubt". Illi biex jintlahaq dan, il-prosekuzzjoni ma setghatx tistrieh biss fuq ix-xhieda ta' Claude Bonnici imma kellha tressaq bhala xhud ukoll lil Fabian Scicluna li kien maghruf lill-istess prosekuzzjoni u li facilment seta' jigi imressaq bhala xhud. Dan in-nuqqas ifisser li ma tressqietx l-ahjar prova u ma intlahaqx il-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali .

**Decide**

Ghaldaqstant ghal-dawn il-motivi ma issibx lil Anthony Scicluna hati ta' l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena.

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**